

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 8 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

- (<sup>1</sup>) Deċiżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fil-każ ta' lment 2020-0908 kontra l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) tat-8 ta' Settembru 2022.
- (<sup>2</sup>) Regolament (UE) 2022/991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' data personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni (ĠU 2022, L 169, p. 1).

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2022 – Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-681/22)

(2023/C 24/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: A. Gavela Llopis u M.J. Ruiz Sánchez, aġenti)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1614 (<sup>1</sup>) tal-15 ta' Settembru 2022 li jiddetermina ż-żoni eżistenti tas-sajd fil-baħar fond u l-istabbiliment ta' lista taż-żoni fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar, f'dak li jirrigwarda l-istabbiliment tal-lista ta' żoni li fihom huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar, imsemmija fl-Artikolu 2 u fl-Anness II tiegħu;
- b'mod sussidjarju, tiddikjara l-invalidità tal-Artikolu 9(6) u (9) tar-Regolament 2016/2336 (<sup>2</sup>), b'mod konformi mal-Artikolu 277 TFUE;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2022/1614, inkwantu jistabbilixxi ż-żoni fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar, jikser ir-Regolament bażiku u l-prinċipju ta' proporzjonalità:
  - F'dan ir-rigward ir-Renju ta' Spanja jirrileva:
    - 1) l-assenza ta' analiżi tal-effett ta' rkapti fissi tas-sajd fil-baħar fond tikser ir-Regolament bażiku u l-prinċipju ta' proporzjonalità;
    - 2) id-determinazzjoni taż-żoni fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar tikser ir-Regolament bażiku u l-prinċipju ta' proporzjonalità.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 9(6) u (9) tar-Regolament 2016/2336:
  - F'dan ir-rigward ir-Renju ta' Spanja jirrileva:
    - 1) ir-riferiment għal att ta' implimentazzjoni sabiex jiġu kkompletati elementi essenzjali tar-Regolament 2016/2336 jikser l-Artikolu 291 TFUE;

- 2) il-projbizzjoni ġenerali ta' sajd permezz ta' rkapti tal-qiegħ fiż-żoni kollha fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar tikser ir-regoli tal-politika komuni tas-sajd u l-prinċipju ta' proporzjonalità.

- (<sup>1</sup>) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1614 tal-15 ta' Settembru 2022 li jiddetermina ż-żoni eżistenti tas-sajd fil-baħar fond u l-istabiliment ta' lista taż-żoni fejn huwa magħruf li jinsabu jew li x'aktarx ikun hemm ekosistemi vulnerabbli tal-baħar (ĠU 2022, L 242, p. 1).
- (<sup>2</sup>) Regolament (UE) 2016/2336 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 li jstabilixxi kondizzjonijiet speċifiċi għas-sajd tal-istokkijiet tal-baħar fond fl-Atlantiku tal-Grigal u dispożizzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali tal-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 (ĠU 2016, L 354, p. 1).

---

### Rikors ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2022 – Newalliance vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-683/22)

(2023/C 24/64)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

#### Partijiet

Rikorrent: Newalliance Comércio Internacional, Lda (Żona Franca da Madeira) (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: S. Gemas Donário u S. Soares, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2020) 8550 final tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajnunha SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi li, essenzjalment, huma identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-553/22 Thorn Investments vs Il-Kummissjoni.

---

### Rikors ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2022 – Norwood vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-684/22)

(2023/C 24/65)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

#### Partijiet

Rikorrent: Norwood – Trading e Serviços, Lda (Żona Franca da Madeira) (Funchal, il-Portugall) (rappreżentanti: S. Gemas Donário u S. Soares, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea